# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT**
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar l-Erbgħa, 10 ta' Lulju 2024**

**Rikors Nru: 620/2023**
**Nru fuq il-Lista: 4**

**Bartolomeo sive Albert Bezzina (K.I. 207661M), Maria Gatt (K.I. 0589144M), Suor Doris Bezzina (K.I. 1045447M), Josephine armla minn Angelo Xuereb (K.I. 0651850M), George Bezzina (K.I. 0695351M), Carmel Bezzina (K.I. 0723952M), Lucy mart Gigi Camilleri (K.I. 0180454M), Salvina mart Carmel Cortis (K.I. 0224155M), Suor Victoria maghrufa Raffaella Bezzina (K.I. 0267356M), Emanuel sive Leli Bezzina (K.I. 0748858M), Salvatore Bezzina (K.I. 0332365M), Julian Bezzina (K.I. 0331867M), Nathalina mart Robert Camilleri (K.I. 0144173M) u David Bezzina (K.I. 0260776M)**

**vs**

**Emanuel Portelli (K.I. 44662M) u Marlene Portelli (K.I. 357564M)**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promotur datat 28 ta' Diċembru 2023[1], flimkien mad-dokumenti annessi, fejn *ad litteram* ġie premess u mitlub hekk:

1. *Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond residenzjali 36, Lourdes, Fl 1, Triq Birkirkara, Kappara, San Gwann, li kien mikri lil intimati l-konjugi Emanuel Portelli (K.I. 44662M) u Marlene Portelli (K.I. 357564M) minn qabel l-1 ta' Gunju 1995, u ghandu l-kera komplessiva ta' €3,100 fis-sena.*

2. *Illi r-rikorrenti akkwistaw il-fond in kwistjoni per via di successione mill-wirt tal-genituri taghhom Giuseppe Bezzina u Maria sive Carmela Bezzina nee Debattista, li mietu rispettivament fl-10 ta' Gunju 1998 u 25 ta' Marzu 2007, skond certifikati tal-mewt li kopji taghha qed jigu hawn annessi u mmarkati bhala "Dok A" u "Dok B" u l-wirt taghhom ddevolva skond testment unica charta fl-atti ta-Nutar Pierre Falzon fuq l-erbatax-il uliedhom u ulied uliedhom mejta.*

3. *Illi l-wirt ta' Giuseppe u Maria sive Carmela Bezzina gie debitament denunzjat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'kuntratt tat-2 ta' Settembru 1998 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, hawn anness u mmarkat bhala "Dok C" u b'kuntratt tal-24 ta' Settembru 2007 fl-atti tan-Nuar Dottor Pierre Falzon, hawn anness bhala "Dok D" rispettivament.*

4. *Illi r-rikorrenti salv Nathalina Camilleri u David Bezzina huma ulied il-mejta Giuseppe u Carmela konjugi Bezzina.*

5. *Illi l-imsemmija Giuseppe u Carmela nee Bezzina kellhom zewg ulied ohra, Alfred Bezzina li miet fit-30 ta' Novembru 2003, skond certifikat tal-mewt*

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

*hawn anness u mmarkat bhala "Dok E" u l-wirt tieghu ddevolva fuq l-unici zewg uliedu r-rikorrenti Nathalina mart Robert Camilleri u David Bezzina u liema wirt gie debitament dikjarat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'kuntratt tat-12 ta' Mejju 2004 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon, li kopjatieghu huwa hawn anness u mmarkat bhala "Dok F".*

6. *Illi l-konjugi Bezzina kellhom bint ohra xebba, Antonia Bezzina li mietet fil-21 ta' Frar 2017 skond certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala "Dok G" u l-wirt taghha gie denunzjat lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni b'dikjarazzjoni causa mortis tal-31 ta' Lulju 2017 fl-atti tan-Nutar Patrizia Mallia, li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok H".*

7. *Illi l-fond imsemmi kien gie mikri lill-intimati bhala residenza ordinarja taghhom, u dan bil-kera ta' Lm150.00c fis-sena, liema kera baqghet hekk sas-sena 2013 meta zdiedet ai termini tal-Att X tat-2009 ghal €373.80c fis-sena, u regghet zdiedet fl-2018 ghal €415.00c waqt li fis-sena 2021 il-kera saret €3,100.00c u dan kif jirrizulta mill-ktieb tal-ircevuti li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dok I".*

8. *Illi qed jigi ezebit ukoll kopja tar-registru elettorali, li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dok J".*

9. *Illi l-fond in kwistjoni huwa regolat bil-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta stante li mhux fond dekontrollat skont "Dok K" hawn anness u mmarkat.*

10. *Illi l-protezzjoni moghtija lill-inkwilini intimati Portelli bid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 m'humiex ġusti u ma jikkreawx bilanc ta' proporzjonalita' bejn id-drittijiet*

*tas-sidien u dawk tal-inkwilini stante li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ferm oghla minn dak stabbilit fil-ligi u ghalhekk huma bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

11. *Illi l-livell baxx tal-kera, l-istat tal-incertezza tal-possibilita' tat-tehid lura tal-proprjeta', in-nuqqas ta' salvagwardji procedurali, iz-zieda fil-livell tal-ghejxien f'Malta f'dawn l-ahhar decenni u l-interferenza sproporzjonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piz eccessiv fuq ir-rikorrenti, kif ukoll id-dritt li l-inkwilinat jibqa' jintiret minn generazzjoni ghall-ohra huma derimpenti d-drittijiet proprjetarji tas-sidien.*

12. *Illi ghalhekk effettivament ir-rikorrenti gew spossessati mid-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta' taghhom wara li skada t-terminu tal-kirja originali u ghalhekk gew assoggettati wkoll ghal relazzjoni forzata ta' sid u inkwilin ghal perjodu indefinit u ntilef il-bilanc bejn l-interessi ta' l-inkwilini u dawk tas-sidien, minkejja il-ftehim originali surreferit u dan bid-disposizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.*

13. *Illi l-awmenti fil-kera li kienu intitolati ghalihom ir-rikorrenti skond il-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009 huma irrizorji u miżeri għall-aħħar meta paragunati mal-valur lokatizju tal-fond fis-suq u l-potenzjal tieghu, u ghalhekk tali legislazzjoni ma holqot l-ebda bilanc bejn l-interess gnerali u l-interess tar-rikorrenti, anzi kompliet tippregiudika u tinjora id-drittijiet fundamentali tas-sid.*

14. *Illi r-rikorrenti ġew imcaħħda mit-tgawdija tal-proprjeta' taghhom minghajr ma setghu jużaw il-proprjeta' u lanqas jiehdu kumpens xieraq*

*ghall-okkupazzjoni minn terzi persuni li b'mod sfurzat u mhux skond il-pattijiet kuntrattwali minnhom raggunti, imposti fuqhom mill-Awtoritajiet. Infatti, l-unika kumpens li gie offrut ai termini tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta kien li tithallas iż-żieda fir-rata ta' inflazzjoni tal-kera li ma setgħet qatt teċċedi d-doppju stabbilit fil-kuntratt oriġinali, meta fil-fatt il-valur lokatizzju tal-istess fond, dak iż-żmien u iktar u iktar illum, kien ferm iżjed mill-kera annwali ta' €3,100 fis-sena, liema kera, anke kif sussegwentement awmentata bl-emendi fil-Ligi u tal-Att X tat-2009, hija xorta wahda leziva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti stante li ma nzammx il-proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilin billi is-sid jircievi kera gusta fis-suq.*

15. *Illi r-rikorrenti qatt ma rcevew din il-kera gusta fis-suq minhabba t-tibdil fil-ligi.*

16. *Illi f'dan l-istadju, ai termini tal-Att XXIV tal-2021 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti huma intitolati jippreżentaw rikors quddiem dan il-Bord fejn jitolbu li l-kera tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha jiġi preżentat ir-rikors, ossia l-2023, u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.*

17. *Illi dan l-Onorabbli Bord ghandu jirrevedi l-kera ghall-massimu permissibbli mil-Ligi, u dan mhux biss in vista tal-fatt li l-esponent qeghdin isofru ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom minhabba li huma kostreti jircievu kera rrizorja, imma anke minhabba l-fatt illi l-Awtorita' tad-Djar ser taghti beneficcju li jkopri ż-żieda tal-kera lill-inkwilini.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bil-qima lil dan l-Onorabbli Bord sabiex joghgbu:-*

I. *Jiddikjara u jiddeciedi illi l-konjugi Emanuel Portelli (K.I. 44662M) u Marlene Portelli (K.I. 357564M) huma l-inkwilini tar-rikorrenti tal-fond, 36, Lourdes, Fl 1, Triq Bikirkara, Kappara, San Gwann ai termini tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.*

II. *Jordna illi jitwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilini intimati Emanuel Portelli (K.I. 44662M) u Marlene Portelli (K.I. 357564M) ai termini tal-Att XXIV tal-2021, liema test tal-mezzi ghandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Mezzi, mahrug taht l-Artikolu 1622A tal-Kodici Civili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom.*

III. *Konsegwentement jiddikjara u jiddeciedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021 tal-Ligijiet ta' Malta l-kera ghandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena, jew kwalunkwe persentagg li jista' minn żmien ghal żmien jigi stabbilit tal-valur liberu u frank fis-suq miftuh tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar 2023, u cioe s-sena li matulha gie preżentat ir-rikors u sabiex jigu stabbiliti kondizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera jekk jkun il-kaz.*

IV. *Tikkundanna lill-inkwilini intimati Emanuel Portelli (K.I. 44662M) u Marlene Portelli (K.I. 357564M) jibdew ihallsu dik it-tali kera hekk likwidata.*

V. *Jaghti dawn l-ordnijiet necessarji ai termini tal-Artikolu 1531F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att XXIV tal-2021 f'kaz li l-kerrejja ma jissodisfawx il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi skont regolamenti mahruga mill-Ministru ghall-Akkomodazzjoni minn zmien ghal zmien.*

Ra d-digriet ta' dan il-Bord datat 9 ta' Jannar 2024[2].

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar datata 6 ta' Frar 2024[3].

Ra r-risposta tal-intimati Portelli datata 1 ta' Marzu 2024[4].

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2024[5] fejn ġew maħtura l-Periti Robert Musumeci u Elena Borg Costanzi.

Ra r-rapport tal-Periti ppreżentat fil-25 ta' Marzu 2024[6].

Ra n-nota ġuramentata tal-intimati tat-12 t'April 2024[7] kontenenti id-dokumentazzjoni relattiva għat-test tal-mezzi[8].

Ra li fis-seduta tad-19 ta' April 2024[9] fejn saret dikjarazzjoni li r-rkorrenti kienu qegħdin jistrieħu fuq ir-rapport peritali, għad li kellhom riżervi fuq l-istess. din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

---

[2] A fol 67 tal-proċess.
[3] A fol 70 tal-proċess.
[4] A fol 75A *et seq* tal-proċess.
[5] A fol 75 tal-proċess.
[6] A fol 76 *et seq* tal-proċess.
[7] Ara fol. 87 tal-proċess
[8] A fol 87 *et seq* tal-proċess.
[9] A fol 148 tal-proċess.

Ra li fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2024[10] fejn l-avukat tal-intimati ddikjarat li l-istess jirrikonoxxu r-rikorrenti bħala sidien il-kiera tal-fond u l-kawża iet differita għas-sentenza.

Ra l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidra;**

Illi l-proċeduri odjerni huma bbażati fuq l-Att XXIV tas-sena 2021, liema Att nieda proċedura simili għal dik li kienet daħlet fil-konfront ta' kirjiet ibbażati fuq il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-verità l-Att XXIV tas-sena 2021 wettaq ukoll diversi emendi mill-Att preċedenti[11] u dan fi żmien relattivament qasir. Din il-leġislazzjoni hija frott numru konsiderevoli ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nostrana li ddikjarat kemm il-darba ksur tad-drittijiet fundamentali ta' sidien, kemm fir-rigward ta' kirjiet naxxenti mill-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll dawk li jemerġu mill Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi huwa minnu li l-azzjoni hawn utilizzata tippermetti ċertu ammont ta' diskrezzjoni (u allura responsabbiltà) lil dan il-Bord fl-iffissar tal-persentaġġ li għandu jintuża[12]. Madanakollu, għal dan il-Bord, huwa ċar li dan il-persentaġġ, sakemm verament ma jiġux pruvati xi ċirkostanzi estremi, għandu dejjem ikun viċin il-massimu tiegħu[13]. Naturalment dan huwa aktar aċċentwat f'każ fejn xi

---

[10] A fol 151 tal-proċess.

[11] Att XXVII tas-sena 2018.

[12] Dwar dan il-Bord jissenjala li l-leġislatur ħass li fejn qabel, l-Att Nru. XXVII tas-sena 2018 kien jistabbilixxi x'għandu jeżamina l-Bord meta jiġi biex jistabbilixxi l-kirja pagabbli (u dan fil-konfront tal-azzjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta), dan il-fattur tneħħa bl-Att Nru XXIV tas-sena 2021. B'hekk skond il-liġi tal-lum, il-Bord hu fil-libertà li jqis kull fattur li huwa jirritjeni determinanti.

[13] Huma issa diversi s-senjalazzjonijiet magħmula fi proċeduri kostituzzjonali u konvenzjonali fuq dan l-aspett. Fost diversi, il-Bord jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Maria Carmela**

sidien, qabel ma jkunu niedu din il-proċedura, jkunu ottjenew dikjarazzjoni li huma sfaw vittmi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom. Ikun ħażin li f'każ bħal dak, dan il-Bord possibbilment ikun hu stess kaġun ta' kontinwazzjoni ta' dik il-vjolazzjoni billi jiffissa kirja b'persentaġġ tant baxx li l-kirja l-ġdida tispiċċa wkoll tkun waħda irriżorja.

Illi magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet imiss li dawn il-prinċipji jiġu applikati għall-każ odjern.

Illi dwar it-titolu[14] il-Bord huwa sodisfatt mid-dokumentazzjoni mressqa mar-rikors promotur u saret ukoll dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mill-intimati[15].

Illi minn eżami tad-dokumentazzjoni tal-intimati relattivi għat-test tal-mezzi, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimati jissodisfaw it-test tal-mezzi rikjest, skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11[16].

---

**Buhagiar *et* vs Avukat tal-Istat *et,*** (Rik Kost Nru: 120/20/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Ukoll, issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Fatima Azzopardi *et* vs Carmelo Azzopardi *et,*** (210/2020/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Ottubru 2022. Lil hinn minn deċiżjonijiet f'dik il-kompetenza però, dan il-Bord jagħmel referenza għal dak li ntqal u ġie deċiż fl-ismijiet **Helen Sammut vs Joseph Vella *et,*** (Appell Inferjuri Numru 114/2021LM) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-15 ta' Marzu 2023, fejn aggravju fuq punt simili ġie miċħud.

[14] Dwar dan, il-Bord jiġbed l-attenzjoni għal-fatt li n-nomenklatura ta' min jista' jħejji azzjoni ai termini tal-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta inbidel. Filwaqt li l-Att XXVII tas-sena 2018 (relevanti għall-artikolu 12B tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta) kien isemmi li l-azzjoni li kien "il-propjetarju" li seta' jippreżenta tali rikors, l-Att XXIV 2021, ġustament, illum jutilizza l-kliem "sid il-kera".

[15] Ma saret l-ebda nota ai termini tal-artikolu 695 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan wieħed huwa mistieden jara d-digriet fil-proċeduri **L-Avukat Dottor Richard Bernard bħala Mandatarju speċjali tal-assenti Jakub Tomasz Stechly vs Luma Holding Limited**, (Rik Maħluf Nru: 53/2020) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, nhar il-15 ta' Lulju 2021. Wieħed huwa mistieden ukoll jara, sa fejn huwa hekk applikabbli, dak raġunat fis-sentenza fl-ismijiet **Ludgarda Cachia *et* vs Carmela *sive* Carmen Mizzi,** (Rik Nru: 1012/12/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-15 ta' Novembru 2023.

[16] Regolamenti 5(5) u 6(4) magħdud ma' dak li jrid ir-Regolament 9.

Illi skond il-Periti Membri Tekniċi, il-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond in kwistjoni, fil-perjodu rilevanti skond il-liġi, jammonta għal mija u tmenin elf Ewro (€180,000). Tajjeb jingħad li fil-verbal tas-6 ta' Marzu 2024, ġie speċifikat li ma kellux jittieħed qies tal-eventwali potenzjal tal-fond in kwistjoni[17]. Ir-rapport kien wieħed unanimu u għalhekk dan il-Bord qiegħed jaċċetta dik il-konklużjoni[18]. Huwa minnu li saret riżerva tal-valur mir-rikorrenti iżda rispettosament, dan m'huwiex biżżejjed biex dan il-Bord jiskarta dik il-prova fl-għama. Ir-rapport li jinsab a fol 42 tal-proċess, li ntuża ai fini ta' dikjarazzjoni *causa mortis* ma ġiex imressaq b'ġurament[19], apparti l-fatt li jidher li jħejji valutazzjoni ta' maisonette (il-Bord jifhem li sar xi żvillup wara s-sena 2017), jew inkella qiegħed jirreferi għal xi propjetà oħra.

Illi kif diġà ntqal, għal dan il-Bord, persentaġġ viċin il-massimu ta' 2% għandha tkun ir-regola, u f'dan il-każ ma ġiet ippruvata l-ebda ċirkostanza li twassal il-Bord sabiex jistabbilixxi persentaġġ inqas mill-massimu li tippermetti l-liġi[20]. B'hekk, il-kera annwali pagabbli tal-fond in kwistjoni għandu jkun fl-ammont ta' tliet elef u sitt mitt Ewro (€3,600) fis-sena.

Għaldaqstant il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-vertenza billi:

---

[17] F'dan is-sens il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza tiegħu fl-ismijiet **Gerald Camilleri *et* vs Alphonse Camilleri *et*,** (Rik Nru: 213/2020) mogħtija nhar is-27 ta' Ottubru 2023 (mhux appellata) li fiha ġew imħaddna l-prinċipji relattivi emerġenti mill-aħħar sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali dwar dan il-punt. Dan il-ħsieb ġie wkoll mtenni fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Bonello *noe* vs Joseph Cardona *et*,** (Rik Nru: 53/20NB) mogħtija minn dan il-Bord diversament presedut nhar il-25 ta' Jannar 2024.

[18] Artikolu 23(3) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

[19] Artikolu 563A(1) tal-Kapitolu 12 ta-Liġijiet ta' Malta, magħdud ma dak li jrid l-artikolu 681 tal-istess Kapitolu.

[20] Ara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Rossana Mula *et* vs Maria Theresa k/a Marthese Farrugia,** (Rik App Nru: 346/2022) mogħtija mill-qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-13 ta' Marzu 2024 fejn ġiet mibdula l-pożizzjoni mħaddna mill-istess Qorti f'deċiżjonijiet passati bħal dik fl-ismijiet **Mary Rose Spiteri *et* vs Antoine Farrugia *et*,** (App Ċiv Nru: 265/2021) mogħtija fl-24 ta' Mejju 2023

1) Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara li l-intimati Portelli huma l-inkwilini tal-fond mertu ta' dawn il-proċeduri u cioe l-fond li jgib in-numru sitta u tletin '36', Lourdes Fl 1, Triq Birkirkara, Kappara, San Ġwann ai termini tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.
2) Jastjeni milli jqis t-tieni talba u dan stante li t-test tal-mezzi twettaq tul l-andament ta' dawn il-proċeduri.
3) Jilqa' t-tielet u r-raba' talba u b'hekk jordna li l-intimati jibdew jħallsu lir-rikorrenti kera għall-fond mertu ta' dawn il-proċeduri, u ċioé il-fond numru sitta u tletin '36' Lourdes, Fl 1, Triq Birkirkara, Kappara, San Ġwann fl-ammont ta' tliet elef u sitt mitt Ewro (€3,600) fis-sena, fl-ammont ta' tlett mitt Ewro (€300) fix-xahar, pagabbli kull xahrejn bil-quddiem, u dan mid-data ta' din is-sentenza.
4) Jiċħad il-ħames talba.
5) Jiċħad l-eċċezzjonijiet sa fejn inkompatibbli ma' dak hawn deċiż.

Minħabba n-natura tal-proċeduri, kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha. L-ispejjeż tal-Awtorità tad-Djar jibqgħu bla taxxa.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur